MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Numru. 591/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**John Attard bin Lawrence u Mary nee’ Gatt, imwieled fil-5 ta’ Awwissu, 1947 u residenti fil-fond Green Valley, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 68047(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi John Attard li gie akkuzat talli nhar it-30.08.2009 ghall-habta ta’ 20:30hrs gewwa Triq il-Qacca, Xaghra, Ghawdex;

1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bi glied;

2. ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Marvic Spiteri kif iccertifika Dr. A. Psaila MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju illi nqaghlet glieda bejn l-imputat u Marvic Spiteri fejn kienu involuti wkoll Cynthia Sultana u Rita mart l-imputat. Il-partijiet madanakollu ma jaqblux dwar il-mod kif bdiet il-glieda, izda mill-provi cirkustanzjali jidher illi l-glieda sehhet barra quddiem il-bieb tal-garaxx tal-imputat. Xhieda ta’ dana hemm id-demm fuq il-bieb tal-garaxx u barra fit-triq appartanenti lill-imputat, kif ukoll il-papocca ta’ Marvic Spiteri li nstabet fit-triq;

Inoltre kemm Marvic Spiteri u Cynthia Sultana kif ukoll l-imputat u martu Rita Attard fil-verzjonijiet moghtija minnhom a tempo vergine kollha jaqblu illi l-glieda sehhet barra. Dana ghaliex ghalkemm John Attard u Rita Attard jghidu illi kienu gewwa, izda jammettu illi John Attard spicca barra ghaliex kaxkru ’l barra Marvic Spiteri u l-glieda kompliet barra fit-triq. Illi l-Qorti ma ghandhiex dubju illi nqala’ argument bejn dawn l-erba’ (4) min-nies u huma sofrew griehi ta’ natura hafifa meta gew fl-idejn;

Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw ippruvati u ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta’ hamsa u ghoxrin ewro (€25) fuq kull akkuza;

Inoltre l-Qorti b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta’ John Attard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------